# Imħabbra s-Semifinalisti tal-iSportivi Nazzjonali 2020

**SELEZZJONI TAS-SEMI FINALISTI – SPORTIVI NAZZJONALI 2020 (SENA BAŻI 2019)**

**KATEGORIJA SPORTIV TAS-SENA**

1. **Mauro ANASTASI – Ten Pin Bowling**

Champion Nazzjonali u rebbieħ ta' tliet midalji tal-fidda fil-Kampjonat tal-Mediterran kategorija singles, All Events u Masters.

2. **Keith AZZOPARDI – Kickboxing**

Għandu t-titlu ta' World Kickboxing Network Professional bir-regoli full contact kif ukoll fil-kategorija K-1.

3. **Gianluca CHETCUTI – Sparar**

Rebaħ il-midalja tad-deheb fid-double trap waqt il-logħob tal-pajjiżi żgħar li saru fil—Montenegro.

4. **William CHETCUTI – Sparar**

Kiseb il-midalja tal-fidda fid-double trap waqt il-logħob tal-pajjiżi ż-żgħar fil-Montenegro u spiċċa fil-11 il-post fil-Kampjonat tad-Dinja. Kiseb ukoll il-midalja tal-fidda fit-trap fil-logħob tal-pajjiżi ż-żgħar.

5. **David FARRUGIA – Raffa**

Spiċċa fid-disa' post fil-Kampjonat tad-dinja li saru l-Arġentina fis-sezzjoni singles minn 21 pajjiż. Spiċċa fit-tielet post fil-Kampjonati Ewropej li saru f'Innsbruck, fl-Awstrija.

6. **Antonio FLORES – ParaOlympics**

Fis-sena 2019, ikkompeta fil-logħob Para Olimpiku.  Lokalment ħa sehem fil-100m f'ħin ta' 12.89s kif ukoll fil-World Para Athletics Paris Grand Prix kemm fil-100m u 200m bi preparazzjoni għall-logħob paraolimpiku ta' din is-sena.

7. **Rodney GATT – Tiġrijiet taż-Żwiemel**

L-ewwel Malti li kkwalifika għall-Kampjonat tad-Dinja għas-sewwieqa professjonali bis-serkin fejn irnexxielu wkoll jirbaħ tiġrija. Champion ta' Malta għat-tielet sena konsekuttiva fejn rebaħ kemm it-Tazza l-Kbira kif ukoll it-Tazza tal-President.

8. **Jordan GUSMAN – Atletika**

Rebaħ żewġ midalji tad-deheb fil-5000 metru u 10,000 metru kif ukoll midalja tal-fidda fl-1500 metru waqt il-logħob tal-Pajjiżi Żgħar fil-Montenegro. Waqqaf rekord nazzjonali ġdid fl-10,000 metru.

9. **Scott MUSCAT – Pool**

Sar champion Ewropew ta' taħt it-23 sena fil-kampjonati tal-pool li saru fl-Irlanda.

10. **Jeremy SAYWELL – Judo**

Rebaħ midalja tal-fidda waqt il-logħob tal-Pajjiżi Żgħar fil-Montenegro.

**SELEZZJONI TAS-SEMI FINALISTI – SPORTIVI NAZZJONALI 2020 (SENA BAŻI 2019)**

**KATEGORIJA SPORTIVA TAS-SENA**

1. **Sue ABELA – Ten Pin Bowling**

Abela kellha midalja tad-deheb fid-Doubles u tliet Midalji tal-Fidda fis-Singles, All Events u Masters waqt il-Kampjonat tal-Mediterran. Saret l-ewwel mara Maltija li lagħbet logħba perfetta (300 punt).

2. **Claire AZZOPARDI – Atletika**

Rebħet midalja tal-fidda fil-Long Jump waqt il-logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar fil-Montenegro. Waqqfet rekord nazzjonali ġdid fit-Triple Jump

3. **Mya AZZOPARDI – Għawm**

Rebbieħa ta' tliet midalji tal-bronz fil-200 metru Individual Medley, 4 x 100m Freestyle Relay u 4 x 200m Freestyle Relay waqt il-Logħob tal-Pajjiżi Żgħar fil-Montenegro. Irnexxielha tistabbilixxi 12 il-rekord nazzjonali.

4. **Eleanor BEZZINA – Target Shooting**

Kisbet il-midalja tad-deheb fit-10m Air Pistol waqt il-Logħob tal-Pajjiżi Żgħar fil-Montenegro.

5. **Lisa Marie BEZZINA – Atletika**

Rebħet żewġ midalji tad-deheb fil-5000 metru u l-10000 metru waqt il-Logħob tal-Pajjiżi Żgħar fil-Montenegro. Rebħet in-nofs maratona ta' Pisa għat-3 sena konsekuttiva fejn kisret ir-rekord Nazzjonali.

6. **Hannah CUTAJAR – Triathlon**

Spiċċat l-ewwel mara fil-European Age Group Sprint Triathlon f'Kazan ir-Russja kif ukoll temmet fit-tieni post fl-Iron Man tal-kategorija tagħha f'Dubai. Ir-riżultati miksuba internazzjonalment tawha l-kwalifikazzjoni għas-Super League Triathlon series.

7. **Kimberly STANTON – Karate**

Rebħet midalja tad-deheb waqt il-Kampjonati Ewropej tal-Pajjiżi Żgħar li saru l-Islanda. Kisbet ukoll midalja tal-bronz fil-Polish Open.

8. **Colette SULTANA – Squash**

Rebħet midalja tad-deheb fil-Women's Professional Event waqt l-Arafura Games. Semi Finalista fil-Women's Professional Event Western Australia. Captain tat-tim rebbieħ tal-Queensland State Premier League.

9. **Sara XUEREB – Ten Pin Bowling**

Kisbet midalja tad-deheb fid-Doubles u tliet midalji tal-bronz fis-Singles, All Events u Masters waqt il-Kampjonat tal-Mediterran. Barra minn hekk rebħet ukoll midalja tal-fidda fis-singles u midalja tal-bronz fil-Masters waqt il-Kampjonat Ewropew taż-Żgħar.

10. **Yasmin ZAMMIT STEVENS – Weightlifting**

Fil-Kampjonat Ewropew għall-Pajjiżi Żgħar spiċċat l-ewwel fil-Women Overall, it-tieni fil-Women's Team u t-tielet fil-Mixed Team, it-tielet fit-Tazza tal-Mediterran f'San Marino kategorija 71 kilogramma, fis-17-il post fil-Kampjonat Dinji f'Pattaya kategorija 71 kilogramma u fit-18 il-post fil-Kampjonat Ewropew f'Batumi kategorija 64 kilogramma.

**SELEZZJONI TAS-SEMI FINALISTI – SPORTIVI NAZZJONALI 2020 (SENA BAŻI 2019)**

**KATEGORIJA KOWĊ TAS-SENA**

1. **Natalya BEREHOVA – Ġinnastika**

Fil-Ġinnastika artistika kellha kompetituri li ġabu midalji u riżultati waqt kompetizzjonijiet Internazzjonali. Ipparteċipaw għall-ewwel darba fil-Kampjonati tad-Dinja taż-Żgħar, fl-EYOF u Comegym Junior Mediterranean Games kif ukoll ħadu sehem fi training camp internazzjonali.

2. **Denis BRAIDOTTI – Judo**

Kien strumentali fid-dixxiplina tal judo u judokas bħala kowċ nazzjonali li qiegħed jieħu ħsieb fosthom il-midalji tal-Loghob tal-Pajjiżi ż-żgħar u oħrajn.

3. **Adrian CAMILLERI – 8 Ball**

It-Tim tiegħu rebaħ il-midalja tad-deheb fl-EBA National Cup fil-kategorija ta' taħt it-23 sena f'Ċipru.

4. **Jesmond CARUANA – Weightlifting**

Jikkowċja diversi atleti li kisbu suċċess internazzjonalment fosthom Yasmin Zammit Stevens u Tenishia Thornton.

5. **Edward CARUANA DINGLI – ParaOlympics**

Eks-għawwiem mat-tim nazzjonali li qed jagħti support lil Kumitat Para Olimpiku Malti. Matul l-2019 kien il-Head Coach u Team Leader tat-tim para olimpiku tal-għawm li ħadu sehem fil-kampjonati Para Olimpiċi tal-għawm tad-Dinja fl-Ingilterra u l-Italja.

6. **Carmel CILIA – Pool**

Protagonist u mexxa lit-Tim Malta A jilħaq riżultati ferm tajbin fil-pool fosthom waslu sal-finali fil-Kampjonati Ewropej tat-Timijiet wara rebħa tajba kontra Franza.

7. **Gabriel DOBRE – Futsal**

Wassal lil Luxol Futsal  sabiex saru champions tal-kampjonat domestiku kif ukoll aktar tard pprepara lit-tim biex jilgħab fil-UEFA Futsal Champions League.

8. **Jesmond GIORDMAINA – Lotta**

Ħadem bħala kowċ nazzjonali tal-lotta sabiex ikompli jara livell tajjeb kemm f'Malta kif ukoll fl-atleti barra mill-pajjiż. Kien parti mill-organizzazzjoni ta' turnament internazzjonali li ġie organizzat f'Malta.

9. **Karl IZZO – Waterpolo**

Kowċ tat-timijiet Nazzjonali tal-Kbar u taħt is-17 il-sena li t-tnejn li huma kkwalifikaw għall-Kampjonati Ewropej.

10. **Noel MERCIECA – Kickboxing**

Kowċ ta' Keith Azzopardi, Diane Schembri Xerri u Wendy Amber Pace li kisbu suċċessi internazzjonali matul l-2019.

**SELEZZJONI TAS-SEMI FINALISTI – SPORTIVI NAZZJONALI 2020 (SENA BAŻI 2019)**

**KATEGORIJA UFFIĊJAL TAS-SENA**

1. **Paul BALDACCHINO – Ten Pin Bowling**

Organizatur tal-Kampjonat tal-Mediterran f'Malta fejn din is-sena kien hemm rekord ta' 16 il-pajjiż parteċipant.

2. **Julian BAJADA – ParaOlympics**

Kien strumentali sabiex jitwaqqaf il-Kumitat Para Olimpiku Malti fejn ukoll ħadem bis-sħiħ sabiex affiljaw ruħhom mal-Kumitat Para Olimpiku Internazzjonali bil-benefiċċji kollha li din l-affiljazzjoni ġġorr magħha għat-titjib ta' l-isport Para olimpiku lokali u għajnuna għall-atleti.

3. **Terry CAMILLERI – Snooker**

Kien strumentali fil-logħba tas-snooker f'Malta kif ukoll barra mill-pajjiż. Huwa kkunsidrat bħala referi li laħaq livell tajjeb sal-kampjonati tad-dinja tant li kkontrolla logħbiet bejn l-aqwa pleyers mondjali.

4. **Joe CARUANA CURRAN – Waterpolo**

Kien fil-presidenza u l-persuna li flimkien mal-kowċ u l-assistent kowċ jgħin lit-tim nazzjonali tal-waterpolo tal-kbar jikkwalifika għat-tielet darba konsekuttiva għal Kampjonati Ewropej. Kien parti ukoll mill-kwalifikazzjoni tat tim taħt is-17il sena għall-istess kampjonati

5. **Aaron CIANTAR – Power Boats**

Organizzatur u l-moħħ wara l-Voomquest UIM World Championship

6. **Lionel DA SILVA – Rugby**

Referi ta' diversi logħbiet internazzjonali fil-Portugall, l-Olanda, Franza, l-Italja, Andorra u Moska.

7. **Tonio Mizzi – Motor Sport**

President tal-Karting Club li rnexxielu jerġa jorganizza il-Kampjonat Nazzjonali wara li kien ilu ma jsir mis-sena 2010 minħabba miżuri ta' sigurtà. Huwa rnexxielu jsib format kif jiġi pprattikat dan l-isport b'mod sigur anke waqt li kien qed jaffaċċja problemi ta' saħħa.

8. **Bernard VASSALLO – Basketball**

Referi internazzjonali Malti tal-basketball li ilu jaħdem sabiex jara il-livell tal-logħba titjieb speċjalment fejn jidħlu r-regoli. Kien wieħed mir-referees prinċipali tal-Kampjonati Ewropej taht it-18 -il sena.

9. **Godwin ZAMMIT – Ibburdjar**

Commodore tal-Malta Royal Yacht Club u organizzatur tar-Rolex Middle Sea Race apparti kompetizzjonijiet oħra.

10. **John ZAMMIT – Ċikliżmu**

Matul is-sena 2019 irċieva diversi unuri għax-xogħol tiegħu fil-qasam taċ-Ċikliżmu fosthom il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika, l-inklużjoni fil-Hall of Fame tal-Kumitat Olimpiku Malti kif ukoll il-UCI Merit Award f'Harrogate

**SELEZZJONI TAS-SEMI FINALISTI – SPORTIVI NAZZJONALI 2020 (SENA BAŻI 2019)**

**KATEGORIJA ŻAGĦŻUGĦ TAS-SENA**

1. **Rylee BORG (dob 05/06/2006) – Weightlifting**

L-aktar żagħżugħ b'ranking għoli  f'Malta fejn waqqaf rekord nazzjonali fil-kategorija 61 kilogramm. Irnexxielu jispiċċa fir-raba' post fil-Kampjonat Soroksar l-Ungerija.

2. **Alex DEGABRIELE (dob 02/10/2004) – Tennis**

Rebbieħ tad-doubles final fit-tournament organizzat mit-Tennis Europe li sar fil-Marsa Sports Club. Huwa lagħab flimkien mal-Grieg Theodoros Mitsakos u għelbu l-koppja Serba.

3. **Kayden LAGANA' (dob 14/11/2007) – Ten Pin Bowling**

Fit-Tour Ewropew taż-Żgħar irnexxielu joħroġ rebbieħ fil-Youth Open tan-Norveġja u fil-kategorija taħt it-12 il-sena tal-Irlanda, it-tieni fi Brussel u it-tielet fi Zurich. Champion Malti ta' taħt it-tnax il-sena

4. **Kai LEYSHON (dob 15/12/2003) – Karate**

Rebaħ midalja tad-deheb fil-logħob tal-COJI fil-kategorija kumite tas-70 kilogramma.

5. **Jake MUSCAT (dob 08/02/2003) – Waterpolo**

L-aqwa plejer tas-sena ta' taħt is-17- il sena. Jifforma parti mit-tim nazzjonali ta' taħt is-17 il-sena li spiċċaw fit-12 il-post fil-Kampjonati Ewropej. Jilgħab ukoll mat-Tim Nazzjonali tal-Kbar.

6. **Conrad PULI (dob 28/12/2004) – Table Tennis**

Champion Nazzjonali ta' taħt il-15 il-sena. Kiseb riżultati lokali fil-kategoriji taħt it-18 u taħt il-21 sena. Ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet internazzjonali

7. **Richard SCHULTHEIS (dob 18/04/2005) – Ibburdjar**

Spiċċa fit-tieni post fil-Kampjonat tad-Dinja Optimist f'Antigua. L-iżgħar skipper fir-Rolex Middle Sea Race. Ipparteċipa u rebaħ kważi 20 regatta matul is-sena 2019.

8. **Nico SCIBERRAS (05/05/2004) – Sparar**

L-iżgħar tiratur trap fil-Federazzjoni Maltija. Irnexxielu jirbaħ tliet kompetizzjonijiet lokali meta ħa sehem kontra l-aktar tiraturi stabilliti lokalment. F'Marzu irnexxielu jirbaħ l-E.A.R. Trap Trophy kontra William Chetcuti.

9. **Kijan SULTANA (dob 05/02/2004) – Squash**

Rebbieħ tan-New South Wales Junior State Title taħt is-17 il-sena, il-Bendigo Junior Open Senior Event u il-Place Barrett Property Junior Classic taħt id-19 il-sena. Spiċċa t-tieni fil-Queensland Junior Championship State Title taħt is-17 il-sena

10. **Jeremy ZAMMIT (02/09/2004) – Atletika**

Rebaħ il-midalja tad-deheb fil-Long Jump fil-European Kids Athletic Games b'rekord tal-logħob u best technical achievement minn 1500 atleta minn 20 pajjiż. Rekord Nazzjonali għal taħt is-16 il-sena fil-Long Jump

**SELEZZJONI TAS-SEMI FINALISTI – SPORTIVI NAZZJONALI 2020 (SENA BAŻI 2019)**

**KATEGORIJA ŻAGĦŻUGĦA TAS-SENA**

1. **Mya AZZOPARDI (29/09/2002) – Għawm**

Rebbieħa ta' midalji tal-bronz fil-200 metru Individual Medley, 4 x 100m Freestyle Relay u 4 x 200m Freestyle Relay waqt il-Logħob tal-Pajjiżi Żgħar fil-Montenegro. Stabilixxiet 12 –il rekord Nazzjonali

2. **Ella BORG (10/07/2004) – Ġinnastika**

Ikkwalifikat għall-ewwel Junior Artistic World Championships, EYOF u Comegym Junior Mediterranean Games. L-ewwel overall, fil-beam u bħala tim u t-tielet fil-floor f'Novi Sad is-Serbja. It-tieni fil-floor fit-Tigers Cup Riga l-Latvja u t-tielet fil-beam fl-Ukranian Cup fi Kiev l-Ukrajna.

3. **Sarah CHOUCAL (06/05/2003) – Atletika**

Rebbieħa ta' midalja tad-deheb fil-Hammer, midalja tal-fidda fir-Relay u Bronze fl-400 metru u t-800 metru waqt il-logħob tal-COJI. Kisbet rekord nazzjonali ta' taħt it-18 il-sena fil-Hammer

4. **Ana CULIC (24/11/2003) – Għawm Sinkroniżżat**

Rebbieħa ta' midalja tal-fidda fl-14 il-edizzjoni tas-Singapore Open Artistic Swimming Championships kategorija solo tech juniors

5. **Francesca CURMI (07/07/2002) – Tennis**

Waslet sas-semi finali tad-doubles tat-tfajliet tal-Australian Open Junior Championship Grand Slam. Rebħet midalja tal-fidda fid-doubles waqt il-logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar il-Montenegro.

6. **Anthea CUTAJAR (06/01/2005) – Table Tennis**

Champion ta' taħt it-13, il-15 u it-18 il-sena. Ħadet sehem f'diversi kompetizzjonijiet u training camps internazzjonali. Tilgħab ma' tim Spanjol Oroso Abanca li jinsab jokkupa l-ewwel post fil-Primera Liga Nacional.

7. **Sacha Gatt (22/06/2005) – Għawm**

Rebħet il-midalja tal-bronz fil-4 x 200m freestyle relay waqt il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar fil-Montenegro. Waqqfet 10 rekords nazzjonali u tliet age group rekords.

8. **Helene PELLICANO (17/04/2002) – Tennis**

Hija l-ogħla ranked tennis player Maltija b'WTA ranking ta' 710 u ITF junior ranking ta' 23. Waslet sat-tieni round tas-singles main draw fir-Roland Garros u Wimbledon Junior Grand Slams. Waslet sal-kwarti tal-finali fid-doubles ta' l-Australian Open Junior Grand Slam

9. **Lijana SULTANA (13/11/2006) – Squash**

Rebbieħa fil-Junior Open taħt it-13 il-sena tar-Rumanija, it-tielet f'tas-Slovakkja u r-raba' f'tal-Belġju. Waslet sal-11-il post fir-rankings Ewropej għall-bniet taħt it-13 il-sena.

10. **Tenishia THORNTON (01/09/2005) – Weightlifting**

Rebbieħa tal-Women Grand Prix fis-Slovenja taħt il-15 il-sena u l-European Small Nations li sar f'Malta taħt is-17 il-sena. Il-ħames fil-Kampjonat Ewropew għal taħt il-15-il sena fil-kategorija 45 kilogramma fejn waqqfet żewġ rekords Ewropej fil-kategorija snatch. Diversi riżultati mill-ewwel sat-tielet post f'kompetizzjonijiet lokali u internazzjonali.

**SELEZZJONI TAS-SEMI FINALISTI – SPORTIVI NAZZJONALI 2020 (SENA BAŻI 2019)**

**KATEGORIJA TIM TAS-SENA**

1. **EIGHT BALL – Tim Nazzjonali u/15**

Dan it-tim rebaħ il-midalja tad-deheb fl-EBA Nations Cup f'Ċipru.

2. **FUTSAL – Tim tal-Luxol**

Rebbieħa ta' tliet logħbiet fil-UEFA Champions League Preliminary Round sabiex ikkwalifikaw għall-Main Round u irnexxielhom jieħdu punt fi grupp iebes.

3. **IBBURDJAR – Elusive 2**

Rebbieħa ta' l-40 edizzjoni tar-Rolex Middle Sea Race kif ukoll it-tellieqa minn Sirakuża sa' Malta, l-Offshore Challenge tar-Royal Malta Yacht Club u il-BOV Gozo Regatta.

4. **MOTORSPORT – Mr Whippy Racing Team**

Rebbieħa ta' l-FIA European Drag Racing Final wara li kienu ilhom ma jikkompetu internazzjonalment għal 5 snin. Spiċċaw it-tielet overall fil-Kampjonat FIA.

5. **POOL – Tim Nazzjonali Irġiel**

Spiċċaw fit-tieni post fil-Kampjonat Ewropew li sar fl-Irlanda

6. **SNOOKER – Tim Kampjonat Ewropew kompost minn Tony Drago u Duncan Bezzina**

Rebbieħa tal-Kampjonat Ewropew li sar is-Serbja

7. **TEN PIN BOWLING – Tim tan-Nisa Kampjonat tal-Mediterran kompost minn Sue Abela u Sara Xuereb**

Dan it-tim kiseb il-midalja tad-deheb fil-Kampjonat tal-Mediterran li sar Malta b'numru rekord ta' parteċipanti.